MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 190/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**
**Peter Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli

1. fid-29 ta' Novembru, 1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu a) arma tan-nar tal-marka "Perfecta", mudell FBI 8000, kalibru 8mm, minghajr "serial number", b) munizzjoni, c) "stainless steel pistol frame c/w magazine", li l-importazzjoni taghhom hija projbita w/jew ristretta, ta' valur ta' a) LM13.00,0 u dazju ta' LM1.05,3, b) LM23.14,0 u dazju ta' LM1.87,4 u c) xejn rispettivament, liema oggetti msemmija huma soggetti wkoll ghat-Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni (E.T.I), liema E.T.I/dazju ma gewx imhallsa

w/jew kawtelati w dan bi ksur tal-artikolu 60(a),(b)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikoli 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur ta' l-Att XII ta' l-1997 dwar it-taxxa tad-Dwana w Sisa tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fuq talba tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana w tas-Sisa, xjentement fid-29 ta' Novembru, 1998 u/jew f'xi data qabel, kellu fis-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, arma tan-nar "Perfecta", mudell FBI8000, kalibru 8mm, minghajr "serial number" u munizzjoni, li l-importazzjoni taghhom hija projbita w/jew ristretta, ta' valur ta' LM13.00,0 u LM23.14,0 rispettivament, valur totali ta' LM36.14,- u li fuqhom kellha tithallas taxxa tas-Sisa fuq importazzjoni, liema taxxa tammonta ghal LM5.42,0, liema taxxa ma gietx imhallsa w/jew kawtelata, w dan bi ksur ta' l-artikolu 69 ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwara w tas-Sisa (Att numru XII tas-sena 1997);

3. fl-istess zmien kellu fil-pussess tieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w zamm ghandu fil-fond numru 47, Triq Santa Marija, Zejtun, armi tan-nar u munizzjon cioe' a) arma tan-nar tal-marka "Perfecta", mudell FBI 8000, kalibru 8mm, minghajr "serial number", b) munizzjoni, c) "stainless steel pistol frame c/w magazine", bi ksur tal-artikolu 3, tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess zmien, gie fil-pussess ta' armi tan-nar u cioe' a) arma tan-nar tal-marka "Perfecta", mudell FBI 8000, kalibru 8mm, minghajr "serial number", b) munizzjoni, c) "stainless steel pistol frame c/w magazine", xort'ohra milli b'licenzja w minnufih ma tax avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 9 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data nhar id-29 ta' Novembru, 1998 u fil-jiem ta' qabel, gewwa z-Zejtun, ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu, xi sustanza esplosiva, taht dawk ic-cirkostanzi li jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi hu ghamel, zamm jew kienu ghandu ghall-hsieb mhux lecitu;

6. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, zamm ghall-bejgh jew hazen esplosivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

7. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’post li kien taht idejh jew garr minn post ghall-iehor, akkont tieghu jew ta’ haddiehor, porvli ta’ l-isparar jew esplozivi;
8. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, zamm fil-kustodja tieghu, mutur ta’ ghamla Honda 750 cc bin-numru tar-registrazzjoni Q-2532 b’numru tar-registrazzjoni li ma jappartenix lilu w cioe’ numru P-7493.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 61 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att XII tas-sena 1997, l-artikoli 6, 9, 28 u 29 tal-kapitolu 33 tal-ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 3 u 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, w anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal multa ta’ hames mitt Euro (€500).
Qieset ukoll li dawn l-armi w munizzjon misjuba ma kinux manifatturati ghall-bejgh. Ordnat il-konfiska ta’ dak kollu esebit b’dan illi kull esplossiv jew oggett hekk relatat ghandu jghaddi ghand l-Armata ta’ Malta biex tiddisponi minnhom hi skond kif thoss opportun.
Ikkundannatu ukoll lill-appellat ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ sitt mija w tlieta w sittin Euro, w sitta w hamsin Euro centezmi (€663.56), b’dan illi kemm il-multa kif ukoll l-ispejjez peritali ghandhom jithallsu kull wahda f’rati rateali (Sic!) ta’ tlitt (3) xhur li ghandhom jibdew jiddekorru minn meta jghaddi t-terminu ta’ l-appell.
Ordnat ukoll li l-“plates” esebiti jghaddu ghand l-ADT.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Peter Cassar, u wara li terga’ ssib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida ai termini tal-paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi skond il-Ligi, fl-eventwalita' ta' sejbien ta' htija f'xi wahda jew iktar mic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37), kif inhu l-kaz f'din il-procedura b'referenza ghall-ewwel akkuza partikolarment, il-piena erogata mill-ligi tammonta "....... ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn; u l-hati jista' jigi arrestat jew migjub quddiem il-Qorti b'citazzjoni bil-mod u fil-forma kif jinghad fil-Kodici Kriminali, w skond id-disposizzjonijiet l-ohra kollha ta' dak il-Kodici".

Minn dak hawn fuq espost wiehed forsi jahseb li l-Qorti kienet konformi mal-piena kif erogata izda l-Qorti naqset milli tqis il-paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 li jkompli ma' dak enuncjat fl-artikolu hawn fuq ikkwotat u li jinqara kif gej :-
*Izda –*
*"(a) meta l-oggetti li dwarhom ikunu saru procedimenti kontra l-hati ikunu xi oggetti minn dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza l-piena ta' prigunerija hawnhekk preskritta* ***ghandha tapplika*** *f'kull kaz;"*

L-iskeda msemmija hija s-segwenti :

SKEDA
(Artikolu 62)

1. Tabakk
2. Inbejjed u spirti
3. **Armi tan-nar**
4. **Munizzjon**

Illi kwindi jirrizulta b'mod car li l-paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi **tassattivament** u mhux b'mod diskrezzjonarju li f'cirkostanzi fejn il-ksur (wahda jew iktar) kif indikat fl-

artikolu 62 tal-istess Ordinanza ikun jirrigwarda tabakk, inbejjed u spirti, armi tan-nar u munizzjoni trid tapplika piena ta' prigunerija. B'hekk johrog ampjament car illi f'dan il-kaz hekk kellha taghmel il-Qorti tal-Magistrati. L-effetti ta' din id-disposizzjoni gew anki indikati fl-akkuza mahruga mill-prosekuzzjoni fejn gie indikat b'mod car li l-paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 kellu jidhol fis-sehh f'dawn il-proceduri kontra l-appellat.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li bih il-partijiet qablu illi biex jigi rispettat il-vot tal-Ligi f'dan il-kaz trid tigi erogata piena karcerarja ta' almenu jum prigunerija.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha jekk tali piena karcerarja tkunx sospiza jew le.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tara li ghandha timponi piena karcerarja fil-minimu taghha w li din il-piena ghandha tkun wahda sospiza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal multa ta' hames mitt Euro (€500) u fejn ordnat il-konfiska ta' dak kollu esebit b'dan li kull esplossiv jew oggett hekk relatat ghandu jghaddi ghand l-Armata ta' Malta biex tiddisponi minnhom skond kif thoss opportun, kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellat ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' sitt mija w tlieta w sittin Euro w sitta w hamsin Euro centezmi (€663.56) b'dan illi kemm il-multa kif ukoll l-ispejjez peritali ghandhom jithallsu fi zmien tlitt xhur mil-lum u fejn ukoll ordnat li l-"plates" esebiti jghaddu ghand l-ADT b'dan pero' li, b'zieda ma din il-piena, qed tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' jum prigunerija, liema piena pero' ma tidholx in effett dment li fi zmien sena mil-lum l-appellat ma jikkommettix reat iehor li jkun suggett ghall-piena ta' prigunerija w dana a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti spjegat bi kliem car l-obbligi tal-appellat skond l-Artikolu 28A u 28B tal-Kodici Kriminali.

Finalment tigbed l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-Artikolu 28A(8).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------